MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2011

Numru. 1157/2007

**Il-Pulizija**
**[Spettur Angelo Gafa`]**

**vs**

**Noel (Emanuel) Borg**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Neol (Emanuel) Borg u detentur tal-karta tal-identita' numru 40070(M).

Akkuzat talli;
F'dawn il-Gzejjer, fil-25 ta' Gunju 2002 jew f'xi perjodu qabel, xjentement ghamel uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falza;

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn dikjarazzjoni jew certifikat falz;

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b’mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tezercita dik l-influwenza;

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, sew xjentement jew bi traskuragni, ghamel xi dikjarazzjoni falza f’xi partikolarita` sostanzjali f’xi prospett, talba jew dokument iehor li jkun mehtieg jew awtorizzat li jsir bl-Att dwar l-Awtorita` Marittima ta’ Malta jew tahtu;

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll illi l-imputat ikun skwalifikat milli jkollu licenzja tal-bahar (*nautical licence*) ghal dak iz-zmien illi l-Qorti jidhrilha xieraq.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti finalment giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjez li jkolljhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ezami tal-imputat kif ukoll il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat illi l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih fi stadju bikri tal-proceduri, u kkonferma tali ammissjoni

wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregla ruhu;

Rat l-atti kollha tal-kawza; u

Semghet id-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li biha ddikjara li l-imputat ma kellux involviment dirett fil-hrug tal-licenzja odjerna.

Ghal dawn il-motivi; u wara li rat l-Artikoli 17(h), 184, 186, 188, 121A(1) tal-Kap. 9 u l-Artikolu 40 tal-Kap. 352 qed issib lill-imputat Noel (Emanuel) Borg hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum, kif ukoll tikkundannah multa ta' hames mitt Ewro €500.

Inoltre, tordna wkoll s-sospensjoni tal-licenzja nawtika tal-imputat ghal sena (1) b'effett min-nofs il-lejl ta' ghada filghodu.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------